MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 976/2003

**Philip Bugeja**

**Vs**

**Kevin Chircop**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta' Lm495 (erbgha mija u hamsa u disghin lira maltin) dovuti ghal danni kagunati fil-vettura numru: 518 mill-konvenut waqt li kien qed isuq vettura JBB039 nhar l-10 ta' Gunju, 2001.**

**Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvt ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fl-4 ta' Gunju, 2003 naqas li jidher u lanqas meta gew ipprezentati l-kapitoli fl-4 ta' Dicembru, 2003 u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------